Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0580(CNS)

15.4.2026

EMENDI
62 - 390

Abbozz ta' rapport
Tomáš Kubín
(PE784.398v001-00)

L-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk (riformulazzjoni)

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0580 – C10-0207/2025 – 2025/0580(CNS))

Emenda 62
Marlena Maląg

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk ***is-sostituti, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern***. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***is-sostituti*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.	(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk ***l-alternattivi***. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***l-alternattivi*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni***. L-implimentazzjoni xierqa tal-prinċipju ta' "inqas ħsara, inqas taxxa" tirrikjedi li l-politiki tat-taxxa jirriflettu l-livelli differenti ta' riskju għas-saħħa marbuta mal-prodotti tat-tabakk u tan-nikotina, filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jinkorporaw dan il-prinċipju fl-oqfsa nazzjonali tat-tassazzjoni tagħhom***. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nissuġġerixxu li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' valutazzjoni bbażat fuq evidenza

xjentifika li tappoġġa d-differenzjali tas-sisa li jirriflettu l-profili tar-riskju relattiv tal-prodotti meta mqabbla mal-prodotti kombustibbli. Din il-kalibrazzjoni, ibbażata fuq evidenza riveduta perjodikament minn awtoritajiet indipendenti tas-saħħa pubblika, tiżgura li l-inċentivi fiskali jibqgħu konsistenti mal-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-prinċipju tat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza.

Emenda 63
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti***, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern***. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***is-sostituti*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.	(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***l-alternattivi*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni***. Din l-armonizzazzjoni jenħtieġ li tiddifferenzja t-trattament fiskali bbażat fuq il-profil ta' riskju mnaqqas tal-prodotti ġodda, filwaqt li tippreżerva differenzjal konsistenti fit-taxxa meta mqabbel mal-prodotti kombustibbli u tallinja mal-prinċipju ta' "inqas ħsara, inqas taxxa"***. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew, fir-Rapport tal-BECA tiegħu (2022) u fir-Rapport tiegħu dwar Mard Mhux Komunikabbli (2023), irrikonoxxa r-rwol li kategoriji ġodda ta' prodotti jista' jkollhom fit-tnaqqis u l-waqfien mit-tipjip.

L-armonizzazzjoni għandha tirrifletti wkoll il-fatt li prodotti alternattivi ġodda jippreżentaw riskji għas-saħħa sostanzjalment aktar baxxi mit-tabakk kombustibbli konvenzjonali. Għaldaqstant, il-prinċipju tat-tnaqqis tal-ħsara għandu jiġi applikat għat-tassazzjoni wkoll, inqas ħsara, inqas taxxa.

Emenda 64
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti***, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern***. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***is-sostituti*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-	(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala ***sostituti*** għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk ***l-alternattivi*** għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni***. Din l-armonizzazzjoni għandha tiżgura li l-prodotti l-ġodda jiġu ntaxxati b'mod differenti mill-prodotti tat-tabakk kombustibbli, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-profil tar-riskju differenti tagħhom u tiġi ppreżervata applikazzjoni konsistenti ta' tassazzjoni proporzjonata għar-riskju***. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament

Finlandja u tal-Iżvezja.	Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The European Parliament has acknowledged the role that novel product categories can play in smoking reduction and cessation. The revision should therefore explicitly and appropriately reflect these new categories as alternatives to traditional combustible tobacco, recognising their emergence as a normal market development rather than a distortion of the Single Market. Harmonisation should also reflect the fact that new alternative products present substantially lower health risks than conventional combustible tobacco. Consequently, differentiated excise provisions should apply to different product categories, in line with the established approach used for other EU-level excise regimes, such as those applying to energy products. This amendment is in line with the Report on the Tobacco Taxation Directive adopted recently by the European Economic and Social Committee (EESC), which recognizes products differentiation. [1] BECA & NCDs Reports: considers that electronic cigarettes could allow some smokers to progressively quit smoking

Emenda 65
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk is-sostituti għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura armonizzata tad-dazju tas-sisa u	(2) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, is-suq tat-tabakk inbidel b'mod sinifikanti. Tqiegħdu fis-suq prodotti ġodda li jservu bħala sostituti għat-tabakk manifatturat u li fihom it-tabakk jew in-nikotina. B'reazzjoni għal dan, l-Istati Membri introduċew miżuri nazzjonali differenti, inkwantu dawk is-sostituti, li jfixklu l-kompetizzjoni u jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern ***u l-objettivi tas-saħħa pubblika***. Fl-interess tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, dawk is-sostituti għat-tabakk manifatturat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal struttura

rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

armonizzata tad-dazju tas-sisa u rati minimi armonizzati tad-dazju tas-sisa fl-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali, li huwa pprojbit milli jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għaċ-ċarezza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli tat-tassazzjoni fuq it-tabakk għall-użu orali mqiegħed fis-suq ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

Or. en

Emenda 66
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. ***F'dan***

ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	***il-kuntest, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-Istati Membri li jiffaċċjaw ċirkostanzi ġeografiċi u politiċi speċifiċi, inklużi sitwazzjonijiet fejn il-gvern ma jeżerċitax kontroll effettiv fuq partijiet mit-territorju tiegħu. Diverġenzi sinifikanti fid-dazji tas-sisa f'territorji bħal dawn joħolqu aktar inċentivi għall-kummerċ illeċitu, u b'hekk idgħajfu d-dħul pubbliku u joħolqu riskji addizzjonali għas-saħħa pubblika, peress li l-prodotti li jiċċirkolaw minn kanali bħal dawn jistgħu ma jikkonformawx mal-istandards ta' kwalità u sikurezza tal-Unjoni. Huwa għalhekk meħtieġ approċċ sensittiv għall-kuntest meta tiġi segwita aktar armonizzazzjoni tat-taxxa.*** Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.
[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.	[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.
[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)	[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċipru qed jiffaċċja sfidi uniċi bit-territorji okkupati, fejn is-sigaretti u t-tipi kollha ta' prodotti tat-tabakk jiswew inqas minn nofs il-prezz tar-Repubblika ta' Ċipru. Proposta ta' taxxa estrema se toħloq differenza kbira fil-prezz u għalhekk se tqanqal il-kuntrabandu fil-Linja l-Ħadra, li hija kwistjoni persistenti ta' kummerċ illeċitu li diġà tammonta għal diversi miljuni ta' euro mitlufa. Ċipru għadu sal-lum l-uniku Stat Membru tal-UE maqsum.

Emenda 67
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu ***u parallel*** tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda ***tat-tabakk u relatati mat-tabakk*** (***tabakk imsaħħan,*** likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari ***fost persuni li jpejpu u persuni li ma jpejpux***, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali ***u l-użu doppju taż-żewġ prodotti***. ***Biex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Unjoni ta' ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk, huwa meħtieġ li din id-Direttiva tiġi aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi fis-suq tal-prodotti tat-tabakk u n-nikotina u biex***

tiskoraġġixxi l-konsum. Dawn il-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn azzjoni tas-saħħa pubblika, qafas regolatorju aġġornat għat-tabakk u l-prodotti relatati u miżuri msaħħa ta' infurzar u traċċabilità f'konformità mal-Protokoll tal-WHO biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, li għalih l-Unjoni hija Parti.

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

Or. en

Emenda 68
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, meta jitqies*** li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] ***stabbilixxa*** l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. Trid tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-fatt*** li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa ***bi kważi mewta waħda għal kull seba' mwiet fl-UE marbuta mat-tipjip u 27 % tal-kanċers kollha huma attribwiti għall-użu tat-tabakk. Barra minn hekk,***

Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ**,** u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.

jenħtieġ li jitqies li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] ***jistabbilixxi*** l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk***. Dan l-objettiv tal-protezzjoni tas-saħħa huwa urġenti b'mod partikolari peress li r-reġjun Ewropew għandu l-ogħla prevalenza tat-tipjip globalment[1a] u l-UE mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri impenjati fil-Pjan Biex Jingħeleb il-Kanċer tagħha***. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ ***u l-persuni li ma jpejpux, li jiffrustra l-progress fl-ilħuq ta' Ewropa ħielsa mit-tabakk.*** Apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.

[1a] Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, "WHO global report on trends in prevalence of tobacco use 2000-2024 and projections 2025-2030" (Ir-rapport globali tal-WHO dwar ix-xejriet fil-prevalenza tal-użu tat-tabakk 2000-2024 u projezzjonijiet tal-2025-2030), Ottubru 2025, https://www.who.int/publications/i/item/9789240116276

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI:

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

Or. en

Emenda 69
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. ***Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, borożtan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed jsiru dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali***.	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi ***filwaqt li jqisu r-rabta bejn it-taxxi tas-sisa għoljin u l-kummerċ illeċitu kif stipulat fil-Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2025 ippubblikata mill-EUROPOL u l-impatt usa' tagħha fuq is-sigurtà interna u l-ġlieda kontra l-kriminalità fl-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li t-Taxxa fuq is-Sisa tkun proporzjonata u tqis il-karatteristiċi u r-riskji differenti ta' kull kategorija ta' prodott. Dan l-approċċ se jkun konsistenti mal-prinċipju ta'***

"inqas ħsara, inqas taxxa".

---

*[2] **Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.***

*[3] **Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)***

Or. en

Emenda 70
Gaetano Pedulla', Pasquale Tridico, Jussi Saramo

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi,	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, b'hekk jiġi żgurat li l-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika jiġu integrati bis-sħiħ fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali***, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-

tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.
[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.	[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.
[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)	[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)
	Or. en

Emenda 71
Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem , kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa , li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem , kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa , li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa

ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk . Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom bhiex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3] . Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed jsiru dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk . Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom bhiex jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3] . Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed jsiru dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali. ***Għall-kuntrarju, is-sigaretti elettroniċi jistgħu jikkostitwixxu wkoll mezz għall-waqfien mit-tipjip.***
[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.	[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.
[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31) http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)	[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31) http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

Or. fr

Emenda 72
Arba Kokalari, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali***, filwaqt li għandhom ukoll il-potenzjal li jittrasferixxu d-domanda lil hinn minn prodotti aktar ta' ħsara***.

[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015-08-31)

Or. en

Emenda 73
Adnan Dibrani, Johan Danielsson, Sofie Eriksson

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***bhiex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor***, boroż tan-nikotina*** u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***jsiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.	(3) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk tkompli tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, kif rikjest mill-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta jitqies li l-prodotti tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju għas-saħħa, li l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[2] stabbilixxa l-mira li naslu għal Ewropa ħielsa mit-tabakk u li l-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk. Biex jintlaħaq dan l-objettiv doppju, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom ***biex*** jiġġieldu l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, notevolment l-importazzjonijiet illeċiti ta' tabakk u ta' prodotti relatati minn pajjiżi terzi[3]. Prodotti ġodda (likwidi għas-sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor u prodotti oħra tan-nikotina) qed ***isiru*** dejjem aktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u apparti r-riskju intrinsiku għas-saħħa pubblika li jġorru magħhom, dawn il-prodotti għandhom ukoll il-potenzjal li jwittu t-triq għat-tipjip konvenzjonali.
[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.	[2] Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.
[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015	[3] Fil-każ ta' Ċipru, il-linja l-ħadra skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/866/2015

Or. en

Emenda 74
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ma tirrakkomandax l-użu ta' prodotti li fihom in-nikotina (likwidi għal sigaretti elettroniċi, tabakk manifatturat ieħor, borż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina) għall-waqfien mit-tipjip u minflok hija favur it-tishiħ tas-sistemi tas-saħħa biex jipprovdu miżuri ta' waqfien mit-tipjip ibbażati fuq l-evidenza, inkluż konsulenza dwar l-imġiba u farmakoterapiji approvati. Minflok, dawn il-prodotti, kemm jekk ikunu kombustibbli kif ukoll li ma jdaħħnux, joħolqu theddida dejjem akbar għas-saħħa kardjovaskulari. Filwaqt li t-tipjip tat-tabakk ikompli jikkawża miljuni ta' mwiet kull sena, l-adozzjoni rapida tas-sigaretti elettroniċi, it-tabakk imsaħħan u l-borż sintetiċi tan-nikotina, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, joħloq ir-riskju li jreġġa' lura deċennji ta' progress fil-kontroll tat-tabakk.[1a]

[1a] Münzel, T., Crea, F., Rajagopalan, S., & Lüscher, T. (2025). Nicotine and the cardiovascular system: Unmasking a global public health threat (In-nikotina u s-sistema kardjovaskulari: Niżvelaw theddida għas-saħħa pubblika globali). European Heart Journal. https://doi.org/10.1093/eurheartj/ehaf1010. u Chen, D. T.-H., Grigg, J., & Filippidis, F. T. (2024). European Respiratory Society statement on novel

nicotine and tobacco products, their role in tobacco control and "harm reduction" (Dikjarazzjoni tas-Soċjetà Ewropea dwar ir-Respirazzjoni dwar prodotti ġodda tan-nikotina u tat-tabakk, ir-rwol tagħhom fil-kontroll tat-tabakk u t-"tnaqqis tal-ħsara"). European Respiratory Journal, 63(2), 2301808. https://doi.org/10.1183/13993003.01808-2023.

Or. en

Emenda 75
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-evalwazzjoni tal-effettività ġenerali ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-implikazzjonijiet usa' tagħha għas-sigurtà interna tal-Unjoni, inkluż l-impatt potenzjali tagħha fuq il-kriminalità serja u organizzata u l-finanzjament ta' attivitajiet kriminali. F'konformità mal-prinċipji tal-koerenza tal-politika u l-proporzjonalità, huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta r-rabta stabbilita bejn livelli għoljin ta' tassazzjoni tas-sisa, l-espansjoni tal-kummerċ illeċitu u l-attivitajiet kriminali relatati, kif enfasizzat fil-Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2025 ippubblikata mill-Europol[1a].
	[1a] Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata 2025

Or. en

Emenda 76
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-konsum tat-tabakk jikkontribwixxi għal inugwaljanzi sinifikanti fis-saħħa bejn il-gruppi soċjoekonomiċi. Filwaqt li t-tassazzjoni fuq it-tabakk hija waħda mill-aktar għodod effettivi biex jitnaqqas il-konsum, l-impatt potenzjali sproporzjonat tagħha fuq familji b'introjtu aktar baxx jenħtieġ li jitqies bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li l-politiki ta' kontroll tat-tabakk jikkontribwixxu għat-tnaqqis, aktar milli għall-aggravar, tal-inugwaljanzi soċjali fis-saħħa.

Or. en

Emenda 77
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva hija prevista li tiġġenera dħul fiskali sinifikattiv flimkien ma' impatt pożittiv fuq is-saħħa pubblika. Jenħtieġ li d-dħul fiskali addizzjonali jintuża primarjament għall-prevenzjoni tat-tabakk u jkun immirat b'mod speċjali lejn l-aktar familji vulnerabbli.

Or. en

Emenda 78
Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Wieħed mill- objettivi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huwa li jimmantjeni unjoni ekonomika, li l-karatteristiċi tagħha huma simili għal dawk ta' suq domestiku, fejn hemm kompetizzjoni attiva. Fejn jidħol tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk , l-intenzjoni wara dan il-għan hija biex l-applikazzjoni fl-Istati Membri tat-taxxi li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti fis-settur rilevanti ma toħloqx distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ***u*** ma tfixkilx il-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni.	(4) Wieħed mill- objettivi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea huwa li jimmantjeni unjoni ekonomika, li l-karatteristiċi tagħha huma simili għal dawk ta' suq domestiku, fejn hemm kompetizzjoni attiva. Fejn jidħol tabakk manifatturat u prodotti relatati mat-tabakk , l-intenzjoni wara dan il-għan hija biex l-applikazzjoni fl-Istati Membri tat-taxxi li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti fis-settur rilevanti ma toħloqx distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni***,*** ma tfixkilx il-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni***, u li r-rivalutazzjoni tagħhom ma twassalx biex tiffavorixxi l-kompetizzjoni barra mill-Ewropa permezz ta' prodotti ta' kwalità inferjuri, li mhux biss ikun detrimentali għall-industrija tal-Unjoni iżda wkoll għall-objettivi tas-saħħa pubblika***.

Or. fr

Emenda 79
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturatu ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.	(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturatu ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom***, inkluż ir-riskji relattivi tas-saħħa tagħhom ibbażati fuq evidenza xjentifika indipendenti,*** u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.

Or. en

Emenda 80
Marlena Maląg

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturatu ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.	(6) It-tipi varji ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk, distinti bil-karatteristiċi tagħhom***, bir-riskji differenti tagħhom għas-saħħa*** u mill-mod kif jiġu użati, jenħtieġ li jkunu definiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza espliċita għall-karatteristiċi tar-riskju tappoġġa prinċipju li nirrakkomandaw: "inqas ħsara, inqas taxxa."

Emenda 81
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti , tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi. Għandha ssir distinzjoni wkoll bejn sigarri u cigarillos biex tkun żgurata l-konsistenza legali u l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw is-sistemi tat-taxxa ***fejn ikun hemm bżonn*** biex tiġi evitata s-sostituzzjoni minħabba t-taxxa.	(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti , tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi. Għandha ssir distinzjoni wkoll bejn sigarri u cigarillos biex tkun żgurata l-konsistenza legali u l-Istati Membri ***jimmonitorjaw ix-xejriet tal-konsum u l-flussi tal-kummerċ u, fejn ikun hemm bżonn, ikunu*** jistgħu jadattaw is-sistemi tat-taxxa biex tiġi evitata s-sostituzzjoni minħabba t-taxxa.

Or. en

Emenda 82
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti**,** tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi. ***Għandha ssir distinzjoni wkoll bejn*** sigarri ***u cigarillos biex tkun żgurata l-konsistenza legali u l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw is-sistemi tat-taxxa fejn ikun hemm bżonn biex tiġi evitata s-sostituzzjoni minħabba t-taxxa***.	(8) Hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti ***u*** tip ieħor ta' tabakk li jiġi użat għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma u tabakk imsaħħan biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u l-ġlieda kontra l-frodi. ***Id-definizzjoni fiskali ta'*** sigarri ***jenħtieġ li tiġi allinjata wkoll mal-klassifikazzjoni tagħha għal skopijiet doganali fin-Nomenklatura Magħquda***.

Or. en

Emenda 83
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jiġu pprevenuti l-evitar tat-taxxa u ċ-ċirkomvenzjoni regolatorja, is-sigarri u s-cigarillos li jidhru simili f'xi aspett għas-sigaretti, inkluż permezz tal-karatteristiċi fiżiċi, id-disinn, il-filtru, il-qoxra, id-daqs jew il-preżentazzjoni ġenerali tagħhom, għandhom jiġu ttrattati bħala sigaretti għal skopijiet tas-sisa, irrispettivament mid-denominazzjoni jew il-klassifikazzjoni tagħhom mill-manifattur, sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' riklassifikazzjoni li għandha l-għan li tibbenefika minn rati

ta' taxxa aktar baxxi.

Or. en

Emenda 84
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta' sigaretti, sigarri, cigarillos, tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk ieħor għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk imsaħħan u tabakk manifatturat ieħor jenħtieġ li tkun stabbilita sabiex rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar jiġu ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar, sigarru ta' 3 g massimu fil-piż kull wieħed jiġi ttrattat bħala cigarillo, tabakk għat-tipjip li huwa simili f'ħafna modi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jiġi ttrattat bħala tabakk imqatta' fin , tabakk li jista' jintuża f'pipa tal-ilma jiġi ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk li jissaħħan jew li jiġi attivat mod ieħor b'reazzjoni kimika jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan, tabakk preparat ieħor u intiż għall-konsum mill-bniedem jiġi ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor, u l-iskart tat-tabakk ikun definit b'mod ċar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 85
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fl-interess ta’ tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta’ sigaretti, sigarri, cigarillos, tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk ieħor għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk imsaħħan u tabakk manifatturat ieħor jenħtieġ li tkun stabbilita sabiex rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar jiġu ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar, sigarru ta’ 3 g massimu fil-piż kull wieħed jiġi ttrattat bħala cigarillo, tabakk għat-tipjip li huwa simili f’ħafna modi għat-tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti jiġi ttrattat bħala tabakk imqatta’ fin , tabakk li ***jista’ jintuża*** f’pipa tal-ilma jiġi ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk li jissaħħan jew li jiġi attivat mod ieħor b’reazzjoni kimika jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan, tabakk preparat ieħor u intiż għall-konsum mill-bniedem jiġi ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor, u l-iskart tat-tabakk ikun definit b’mod ċar.	(9) Fl-interess ta’ tassazzjoni uniformi u ġusta, definizzjoni ta’ sigaretti, sigarri, cigarillos, tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti, tabakk ieħor għat-tipjip, tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk imsaħħan u tabakk manifatturat ieħor jenħtieġ li tkun stabbilita sabiex rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar jiġu ttrattati bħala żewġ sigaretti jew aktar, sigarru ta’ 3 g massimu fil-piż kull wieħed jiġi ttrattat bħala cigarillo, tabakk għat-tipjip li huwa simili f’ħafna modi għat-tabakk imqatta’ fin għall-brim tas-sigaretti jiġi ttrattat bħala tabakk imqatta’ fin , tabakk li ***jinbiegħ, jew li jkun maħsub li jinbiegħ,*** f’pipa tal-ilma jiġi ttrattat bħala tabakk tal-pipa tal-ilma, tabakk li jissaħħan jew li jiġi attivat mod ieħor b’reazzjoni kimika jiġi ttrattat bħala tabakk imsaħħan, tabakk preparat ieħor u intiż għall-konsum mill-bniedem jiġi ttrattat bħala tabakk manifatturat ieħor, u l-iskart tat-tabakk ikun definit b’mod ċar.

Or. en

Emenda 86
Adnan Dibrani, Johan Danielsson, Sofie Eriksson

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-prodotti relatati mat-tabakk spiss jissostitwixxu l-prodotti tat-tabakk manifatturati billi jiffaċilitaw il-konsum tan-nikotina fil-ġisem tal-bniedem. Fl-interessi tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, jenħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni ta’ likwidi għal sigaretti elettroniċi***, borož tan-nikotina*** u prodotti oħra tan-nikotina.	(10) Il-prodotti relatati mat-tabakk spiss jissostitwixxu l-prodotti tat-tabakk manifatturati billi jiffaċilitaw il-konsum tan-nikotina fil-ġisem tal-bniedem. Fl-interessi tat-tassazzjoni uniformi u ġusta, jenħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni ta’ likwidi għal sigaretti elettroniċi u prodotti oħra tan-nikotina.

Or. en

Emenda 87
Gaetano Pedulla', Pasquale Tridico

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lis-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola, il-manifattura u s-setturi tal-bejgħ bl-imnut marbuta mat-tabakk, b'mod partikolari fir-reġjuni fejn attivitajiet bħal dawn jirrappreżentaw sors sinifikanti ta' impjiegi, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi tas-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 88
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw.	(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw. ***Kategoriji ta' prodotti definiti b'mod ċar u rati minimi se jgħinu biex jitnaqqas il-konsum u jiġu minimizzati d-distorsjonijiet kompetittivi fl-Istati Membri billi jiġi żgurat trattament tat-taxxa koerenti tal-prodotti fis-suq intern.***

Or. en

Emenda 89
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw.	(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott***, inkluż l-impatt fuq is-saħħa tal-utent,*** u fil-mod kif jintużaw .

Or. en

Emenda 90
Arba Kokalari, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw.	(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti ***u proporzjonati*** għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott***, l-impatti fuq is-saħħa*** u fil-mod kif jintużaw.

Or. en

Emenda 91
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott u fil-mod kif jintużaw.	(12) Għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi fuq kull kategorija ta' tabakk manifatturat u ta' prodotti relatati mat-tabakk. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dazji tas-sisa minimi differenti għal kull kategorija ta' tabakk u prodott relatat mat-tabakk biex jiġu riflessi d-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott***, inklużi r-riskji tas-saħħa tagħhom,*** u fil-mod kif jintużaw.

Or. en

Emenda 92
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Huwa fatt ippruvat li d-dazji tas-sisa li jirriżultaw fi prezzijiet bl-imnut ogħla għandhom impatt sinifikattiv fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-prodotti tat-tabakk. Għalhekk, jenħtieġ li r-rati minimi tas-sisa jiġu stabbiliti f'livell li jħeġġeġ il-waqfien mill-konsum tat-tabakk u biex jipprevjeni s-sostituzzjoni fost it-tipi ta' prodotti.

Or. en

Emenda 93
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, ***li jeskludi l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat (inflazzjoni bażi)*** kif ippubblikat mill-Eurostat. ***L-aġġustament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-inflazzjoni bażi aktar milli fuq l-inflazzjoni globali sabiex tiġi evitata volatilità eċċessiva potenzjali kkawżata minn żidiet sinifikanti fil-prezzijiet ta' beni aktar fluttwanti bħall-enerġija u l-ikel. Barra minn hekk, limitu massimu ta' aġġustament ta' 6 % jenħtieġ li jiżgura prevedibbiltà aħjar għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u għas-suq tal-prodotti tat-tabakk. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-inflazzjoni jenħtieġ li japplika biss wara tmiem il-perjodu tranżitorju biex jitnaqqas il-livell ta' kumplessità għall-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 94
Marlena Maląg

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-

Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	Konsumatur tal-Unjoni, ***bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat (inflazzjoni bażi),*** kif ippubblikat mill-Eurostat. ***L-aġġustament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-inflazzjoni bażi aktar milli fuq l-inflazzjoni globali sabiex tiġi evitata volatilità eċċessiva potenzjali kkawżata minn żidiet sinifikanti fil-prezzijiet ta' beni aktar fluttwanti bħall-enerġija u l-ikel. Barra minn hekk, limitu massimu ta' aġġustament ta' 10 % jenħtieġ li jiżgura prevedibbiltà aħjar għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u għas-suq tal-prodotti tat-tabakk. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-inflazzjoni jenħtieġ li japplika biss wara tmiem il-perjodu tranżitorju biex jitnaqqas il-livell ta' kumplessità għall-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu massimu ta' aġġustament ta' 10 % għandu jiżgura prevedibbiltà aħjar għall-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u għas-suq tal-prodotti tat-tabakk.

Emenda 95
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien ***u biex tiġi żgurata li jibqgħu effettivi***, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin ***biss*** abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni ***esklużi l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat***, kif ippubblikat mill-Eurostat. ***L-aġġustament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-indiċi tal-inflazzjoni bażi aktar milli fuq l-indiċi tal-inflazzjoni globali b'aġġustament kumulattiv***

massimu ta' 6 %. Dan il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-inflazzjoni jenħtieġ li japplika biss wara tmiem il-perjodu tranżitorju biex jitnaqqas il-livell ta' kumplessità għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 96
Gaetano Pedulla'

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin ***biss*** abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, ***bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat*** kif ippubblikat mill-Eurostat. ***L-aġġustament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-inflazzjoni bażi aktar milli fuq l-inflazzjoni globali b'limitu tal-aġġustament massimu ta' 8 %. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-inflazzjoni jenħtieġ li japplika biss wara tmiem il-perjodu tranżitorju biex jitnaqqas il-livell ta' kumplessità għall-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 97
Fernand Kartheiser

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi ***aġġornata*** kull 3 snin ***abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat***.	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi ***proposta lill-Istati Membri*** kull 3 snin.

Or. fr

Emenda 98
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima*** tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li ***tiġi aġġornata*** kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.	(13) ***Biex jiġi żgurat li r-rati minimi*** tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti ***jżommu l-pass mal-iżviluppi tal-prezzijiet fl-Unjoni u ma jsirux obsoleti matul iż-żmien,*** jenħtieġ li ***dawn jiġu aġġornati*** kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.

Or. en

Emenda 99
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-	(13) Sabiex tiġi evitata l-obsolexxenza tagħhom maż-żmien, ir-rata minima tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodotti jenħtieġ li tiġi aġġornata ***mill-inqas*** kull 3 snin abbażi tal-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet

Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.

għall-Konsumatur tal-Unjoni, kif ippubblikat mill-Eurostat.

Or. en

Emenda 100
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin.	(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin. ***L-aġġustament tal-indiċi tal-livell tal-prezzijiet għandu jiġi applikat esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ma għandux jiġi referenzjat b'rabta ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 101
Gaetano Pedulla'

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-	(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-

Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin.	Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin. ***L-aġġustament tal-indiċi tal-livell tal-prezzijiet għandu jiġi applikat esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ma għandux jiġi referenzjat b'rabta ma' kwalunkwe direttiva futura dwar it-taxxa.***

Or. en

Emenda 102
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin.	(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. ***Biex dan l-istrument jilħaq l-iskop tiegħu b'mod effettiv, dan l-aġġustament irid ikun prevedibbli fir-ritmu. Għalhekk,*** tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin.

Or. en

Emenda 103
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni	(14) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni

bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut kull tliet snin.	bbilanċjata tal-impatti madwar l-Istati Membri, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri jeħtieġ li tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni permezz tal-Indiċi tal-Livelli tal-Prezzijiet ta' kull Stat Membru, kif ippubblikat mill-Eurostat. Tali aġġustament jenħtieġ li jiġi rivedut ***mill-inqas*** kull tliet snin.

Or. en

Emenda 104
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Jenħtieġ li r-rati minimi tad-dazju tas-sisa tal-Unjoni applikabbli għal kull kategorija ta' prodotti, f'kull aġġornament ta' tliet snin, ma jiġux aġġustati taħt il-livell fis-seħħ qabel dak l-aġġornament. Dan il-prinċipju ta' nonrigressjoni jiżgura stabbiltà fiskali għall-Istati Membri u jippreżerva l-effett deterrent tat-tassazzjoni fuq it-tabakk fl-insegwiment tal-objettivi tas-saħħa pubblika tal-Unjoni, inkluża l-ambizzjoni tagħha għal ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk skont il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

Or. en

Emenda 105
Gaetano Pedulla', Pasquale Tridico, Jussi Saramo

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(14a) Jisħaq li l-valutazzjoni tal-effetti ridistributtivi tal-miżuri fiskali jenħtieġ li tqis kemm l-impatt tagħhom fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu kif ukoll il-kontribut tagħhom għat-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa u n-nefqa pubblika fit-tul relatati mal-kura tas-saħħa.

Or. en

Emenda 106
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.	(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa. ***Għalhekk huwa tal-akbar importanza li wieħed iżomm f'moħħu l-impatt ta' rati minimi ġodda tad-dazju tas-sisa fuq il-kummerċ illeċitu u t-tkabbir tas-suq illeċitu. Li jitwettqu l-objettivi tas-saħħa pubblika filwaqt li fl-istess ħin il-konsumaturi ma jiġux inċentivati biex ifittxu prodotti orħos fis-suq illeċitu huwa objettiv ewlieni. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'mod adegwat u bir-reqqa sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn, minħabba żidiet sinifikanti fir-rati minimi, il-konsumaturi jagħżlu li jiksbu prodotti tat-tabakk mis-suq illeċitu, li jwassal għal konsegwenzi negattivi potenzjali fuq id-dħul mit-taxxa u jwassal***

biex ma jkunx hemm titjib fis-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 107
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.	(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa. ***Għalhekk huwa essenzjali li ż-żidiet fir-rati minimi tad-dazju tas-sisa jiġu akkumpanjati minn tishih korrispondenti tal-kapaċità ta' monitoraġġ u infurzar, permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva msaħħa bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u doganali u l-aġenziji investigattivi u ta' infurzar tal-Unjoni, kontrolli robusti u indipendenti tal-katina tal-provvista tal-UE fuq il-moviment tal-prodotti tat-tabakk u riżorsi adegwati pprovduti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 108
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.	(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi***, speċjalment għaż-żgħażagħ u n-nisa***. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa. ***Ġie muri li l-kummerċ illeċitu huwa aktar sensittiv għall-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni tat-taxxa milli għax-xejriet tal-prezzijiet[1b]. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri jiżguraw infurzar komprensiv u effettiv tad-dispożizzjonijiet doganali u tal-liġijiet.***

[1b] Fidanovski, K., Jovanovikj, B., Kungl, N., Ross, H., Kranawetter H., (2026). Excises on Tobacco products in the EU (Sisa fuq Prodotti tat-Tabakk fl-UE). Impact on the internal market of the minimum rates of excise duty and the wide availability of alternative tobacco products currently not covered by Council Directive 2011/64/EU on the structure and rates of excise duty applied to manufactured tobacco (L-impatt fuq is-suq intern tar-rati minimi tad-dazju tas-sisa u d-disponibbiltà wiesgħa ta' prodotti alternattivi tat-tabakk li attwalment mhumiex koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati għat-tabakk manifatturat). Brussell: Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għall-Ekonomija u t-Tkabbir. https://www.europarl.europa.eu/RegData/

etudes/STUD/2026/772646/ECTI_STU(2026)772646_EN.pdf

Or. en

Emenda 109
Gaetano Pedulla', Pasquale Tridico

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.	(18) Ċertu livell ta' konverġenza tgħin biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tat-tabakk u tal-prodotti relatati mat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tal-konsum tal-konsumaturi. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, ***u jenfasizzaw il-ħtieġa ta' miżuri ta' kontroll effettivi, proporzjonati u infurzabbli fl-Unjoni,*** b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-objettivi tal-kontroll tat-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.

Or. en

Emenda 110
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk jirrappreżenta sfida sinifikanti u dejjem akbar għall-Istati Membri, li jċaħħad il-baġits pubbliċi minn dħul sostanzjali mit-taxxa, idgħajjef l-objettivi tas-saħħa pubblika u jipprovdi sors ta'

finanzjament għall-kriminalità organizzata. Hemm riskju li żidiet eċċessivi fir-rati tad-dazju tas-sisa jistgħu jinċentivaw lill-konsumaturi biex jibdew jikkunsmaw prodotti illeċiti u jistimulaw il-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni transfruntiera. Għalhekk, l-iffissar tar-rati minimi tad-dazju tas-sisa jrid jiġi kkalibrat bir-reqqa biex jiġi żgurat li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jiddgħajfux minn espansjoni ekwivalenti tas-suq illeċitu.

Or. en

Emenda 111
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-kontroll effettiv tal-moviment tal-prodotti tat-tabakk fil-katina tal-provvista kollha huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-ġbir xieraq tad-dazji tas-sisa u biex jiġu pprevenuti l-evażjoni tat-taxxa, il-kuntrabandu u l-kummerċ illeċitu fl-Unjoni. Din id-Direttiva jenħtieġ li topera b'mod koerenti u komplementari mal-qafas regolatorju stabbilit skont id-Direttiva 2014/40/UE u filwaqt li jitqies li l-UE hija Parti għall-Protokoll tal-WHO biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk adottat skont il-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-WHO.

Or. en

Emenda 112
Gaetano Pedulla', Pasquale Tridico, Jussi Saramo

Proposta għal direttiva

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Jenħtieġ li l-kummerċ illegali jiġi indirizzat permezz ta' miżuri doganali u tal-infurzar tal-liġi b'saħħithom u effettivi. Għalhekk huwa tal-akbar importanza li l-Istati Membri jżommu kontroll robust fuq is-sistemi doganali u tal-infurzar biex jiġġieldu s-suq illeċitu b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 113
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) Filwaqt li diversi studji empiriċi sabu li ma kien hemm l-ebda bidla fl-attività tas-suq illeċitu b'rispons għaż-żidiet fil-prezzijiet jew fit-taxxi fuq il-prodotti tat-tabakk, il-bejgħ illeċitu ta' dawn il-prodotti jibqa' ta' tħassib u l-kontrolli doganali jenħtieġ li jissaħħu. Id-detezzjoni ta' kummerċ illeċitu u l-infurzar tal-qafas doganali jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi adegwati u li jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin. L-iżgurar tal-indipendenza tat-teknoloġiji tat-traċċabbiltà, flimkien mal-kombinazzjoni ta' karatteristiċi ta' sigurtà tal-materjali u s-sistemi tat-traċċabbiltà diġitali, jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jimmonitorjaw il-moviment ta' prodotti bħal dawn, jidentifikaw punti għad-devjazzjoni fil-katina tal-provvista u jiżguraw konformità mar-regoli tas-sisa tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 114
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika speċifika tiegħu, il-Portugall jenħtieġ li jingħata l-possibbiltà li japplika rata mnaqqsa għal sigaretti magħmula minn produtturi li jaħdmu fuq skala żgħira u kkonsmati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u ta' Madeira.	***imħassar***

Or. en

Emenda 115
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom. ***Bl-istess mod, iż-żieda ta' minima tal-UE għas-sigarri, għas-cigarillos u għal tabakk ieħor għat-tipjip jimmiraw biex inaqqsu d-diskrepanza mar-rata għas-sigaretti, biex tintlaħaq konverġenza progressivament bejn il-prodotti u jiġi minimizzat ir-riskju ta' sostituzzjoni bejn prodott u ieħor. .***	(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom.

Or. en

Emenda 116
Gaetano Pedulla'

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom. Bl-istess mod, iż-żieda ta' minima tal-UE għas-sigarri, għas-cigarillos u għal tabakk ieħor għat-tipjip jimmiraw biex inaqqsu d-diskrepanza mar-rata għas-sigaretti, biex tintlaħaq konverġenza progressivament bejn il-prodotti u jiġi minimizzat ir-riskju ta' sostituzzjoni bejn prodott u ieħor.	(23) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti jinġiebu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tan-natura ugwalment ta' ħsara tagħhom. Bl-istess mod, iż-żieda ta' minima tal-UE għas-sigarri, għas-cigarillos u għal tabakk ieħor għat-tipjip jimmiraw biex inaqqsu d-diskrepanza mar-rata għas-sigaretti, biex tintlaħaq konverġenza progressivament bejn il-prodotti u jiġi minimizzat ir-riskju ta' sostituzzjoni bejn prodott u ieħor***, filwaqt li jiġu evitati tfixkil fis-suq sproporzjonati u konsegwenzi ekonomiċi mhux intenzjonati***.

Or. en

Emenda 117
Marlena Maląg

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-borż tan-nikotina, u meta wieħed iqis it-tfaċċar reċenti tagħhom, b'mod partikolari minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-Istati Membri għandhom jipprevedu implimentazzjoni gradwali tal-qafas tas-sisa applikabbli, akkumpanjata minn appoġġ

amministrattiv u gwida xierqa għall-operaturi ekonomiċi iżgħar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħafna operaturi ekonomiċi żgħar huma ġodda għall-oqfsa ta' kontroll tas-sisa, l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-integrazzjoni f'fażijiet se jkunu essenzjali biex tinżamm il-parteċipazzjoni fis-suq u l-innovazzjoni.

Emenda 118
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Fir-rigward tat-tabakk tal-pipa tal-ilma, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu livell minimu ta' taxxa aktar baxx minn tabakk ieħor għat-tipjip, sabiex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tat-tabakk tal-pipa tal-ilma.	***imħassar***

Or. en

Emenda 119
Francesco Ventola, Denis Nesci, Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. ***Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu***	(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, ***jew*** bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern.

jiġi espress bħala ammont kull kilogramma jew ammont għal numru speċifikat ta' unitajiet skont it-tip ta' prodott ta' tabakk imsaħħan konċernat.

Or. en

Emenda 120
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, ***bħala ammont għal kull kilogramma jew*** għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu jiġi espress bħala ammont ***kull kilogramma jew ammont*** għal numru speċifikat ta' unitajiet skont it-tip ta' prodott ta' tabakk imsaħħan konċernat.	(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, għal numru stabbilit ta' unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu jiġi espress bħala ammont għal numru speċifikat ta' unitajiet skont it-tip ta' prodott ta' tabakk imsaħħan konċernat.

Or. en

Emenda 121
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta'	(25) Biex tinqabad l-eteroġeneità f'formati attwali ta' tabakk imsaħħan, u biex jiġu antiċipati formati futuri, l-iffissar ta' dazju tas-sisa minimu globali espress bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramma jew għal numru stabbilit ta'

unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu jiġi espress bħala ammont kull kilogramma jew ammont għal numru speċifikat ta' unitajiet ***skont it-tip ta' prodott ta' tabakk imsaħħan konċernat***.	unitajiet huwa l-aktar xieraq għall-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li d-dazju tas-sisa globali minimu jiġi espress bħala ammont kull kilogramma ***ta' kontenut ta' tabakk*** jew ammont għal numru speċifikat ta' unitajiet.
	Or. en

Emenda 122
Gaetano Pedulla'

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni fis-settur tat-tabakk, hemm bżonn ukoll li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' taxxa għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, it-tabakk imsaħħan, tabakk manifatturat ieħor u prodotti relatati mat-tabakk li jistgħu jitqiesu bħala sostituti għall-prodotti tat-tabakk minn perspettiva fiskali.	(26) Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni fis-settur tat-tabakk, hemm bżonn ukoll li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' taxxa ***b'mod li jiżgura kompetizzjoni leali bejn il-kategoriji tal-prodotti u l-evitar ta' distorsjonijiet li jaffettwaw lill-atturi ekonomiċi li joperaw legalment,*** għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, it-tabakk imsaħħan, tabakk manifatturat ieħor u prodotti relatati mat-tabakk li jistgħu jitqiesu bħala sostituti għall-prodotti tat-tabakk minn perspettiva fiskali.
	Or. en

Emenda 123
Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa***, b'rata ogħla għal-***	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell

likwidi b'konċentrazzjoni ta' nikotina ogħla minn 15 mg/ml biex tirrifletti l-varjetà ta' prodotti u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself".	minimu ta' taxxa.

Or. fr

Emenda 124
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***b'rata ogħla għal-likwidi b'konċentrazzjoni ta' nikotina ogħla minn 15 mg/ml biex tirrifletti l-varjetà*** ta' prodotti ***u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself"***.	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***irrispettivament minn jekk fihomx in-nikotina. In-nuqqas tal-bżonn ta' verifika tal-kontenut tan-nikotina għandu jagħmel l-infurzar u s-superviżjoni aktar faċli għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali. Fid-dawl tal-attraenza dejjem akbar tas-sigaretti elettroniċi illeċiti u mhux regolati biżżejjed, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri b'saħħithom u bbażati fuq l-evidenza biex jindirizzaw l-użu*** ta' prodotti ***li ma jdaħħnux minn persuni taħt l-età***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm biss rata waħda applikata għas-sigaretti elettroniċi, kompletament speċifika, għat-tipi kollha ta' likwidi, bin-nikotina jew mingħajrha u mhux fuq il-bażi tal-livell ta' nikotina għal kull ml. L-applikazzjoni ta' rati ta' dazju f'livelli skont il-qawwa tan-nikotina mhijiex infurzabbli fil-prattika, se twassal għal kumplessità mhux ġustifikata fl-amministrazzjoni tas-sisa u se toħloq problema addizzjonali ta' apparati vaporizzanti illeċiti fl-UE.

Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu tas-sigaretti elettroniċi fost iż-żgħażagħ għandha tiġi indirizzata kif xieraq u b'mod effettiv permezz ta' miżuri bbażati fuq l-evidenza u robusti.

Emenda 125
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***b'rata ogħla għal-likwidi b'konċentrazzjoni ta' nikotina ogħla minn 15 mg/ml biex tirrifletti l-varjetà*** ta' prodotti ***u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself"***.	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa, ***irrispettivament minn jekk fihomx in-nikotina. In-nuqqas tal-bżonn ta' verifika tal-kontenut tan-nikotina għandu jagħmel l-infurzar u s-superviżjoni aktar faċli għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali. Fid-dawl tal-attraenza dejjem akbar tas-sigaretti elettroniċi illeċiti u mhux regolati biżżejjed, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri b'saħħithom u bbażati fuq l-evidenza biex jindirizzaw l-użu*** ta' prodotti ***li ma jdaħħnux minn persuni taħt l-età***.

Or. en

Emenda 126
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa***, b'rata ogħla għal-likwidi b'konċentrazzjoni*** ta' nikotina ***ogħla minn 15 mg/ml biex tirrifletti l-varjetà ta' prodotti u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself***".	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa ***irrispettivament mill-konċentrazzjoni*** ta' nikotina ***sabiex titnaqqas il-kumplessità amministrattiva u jiġi ffaċilitat l-infurzar kif ukoll biex jiġi skoraġġut l-użu ta' dawn il-prodotti li l-użu tagħhom huwa prevalenti b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ***.

Or. en

Emenda 127
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa***, b'rata ogħla għal-likwidi b'konċentrazzjoni*** ta' nikotina ***ogħla minn 15 mg/ml biex tirrifletti l-varjetà ta' prodotti u tipprevjeni l-evitar tat-taxxa permezz ta' taħlitiet "do-it-yourself***".	(27) Fir-rigward tal-likwidi għas-sigaretti elettroniċi, dawk il-likwidi kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell minimu ta' taxxa***, irrilevanti mill-grad ta' konċentrazzjoni*** ta' nikotina***. Rata waħda tillimita r-riskji ta' evażjoni, tiffaċilita l-monitoraġġ u tnaqqas il-kumplessità tal-qafas u għalhekk tidher li hija aktar xierqa minn sistema f'livelli***.

Or. en

Emenda 128
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Perjodi tranżizzjonali ta' 4 snin għas-sigarri, għas-cigarillos, għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk għat-tipjip ieħor, għat-tabakk manifatturat ieħor, għall-borox tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina b'żieda fid-dazju tas-sisa wara sentejn jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-Istati Membri jadattaw ruħhom mingħajr problemi għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 129

Gaetano Pedulla', Jussi Saramo

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Perjodi tranżizzjonali ta' 4 snin għas-sigarri, għas-cigarillos, għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk għat-tipjip ieħor, għat-tabakk manifatturat ieħor, għall-boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina b'żieda fid-dazju tas-sisa wara sentejn jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-Istati Membri jadattaw ruħhom mingħajr problemi għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli.	(29) Perjodi tranżizzjonali ta' 4 snin għas-sigarri, għas-cigarillos, għat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għat-tabakk għat-tipjip ieħor, għat-tabakk manifatturat ieħor, għall-boroż tan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina b'żieda fid-dazju tas-sisa wara sentejn jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-Istati Membri jadattaw ruħhom mingħajr problemi għal-livelli tad-dazju tas-sisa kumplessiv, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli ***u l-aġġustament soċjalment ibbilanċjat, filwaqt li jqisu l-impatti potenzjali fuq il-popolazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet iżgħar, u jirrikonoxxu li x-xejriet tal-bidu jistgħu jvarjaw bejn il-kategoriji ta' prodotti***.

Or. en

Emenda 130
Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
